**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 139 tal-11 ta' Novembru 1997 dwar aġġornament ta' Seduta preċedenti**

**RULING TA' MADAM SPEAKER**

Is-seduta tal-lejla m'hijiex kontinwazzjoni tas-seduta tal-bieraħ għaliex il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 81 li tirregola s-seduti ta' wara nofsinhar tgħid:

" B'żieda mal-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 60 għandu jiżdied dan li ġej:

Li minbarra seduta filgħodu u oħra filgħaxija l-Parlament jista' jiltaqa' wkoll wara nofsinhar f'seduta li tibda fis-2.00 p.m., il-ħin tal-mistoqsijiet ikun sas-2.30 p.m., l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fil-5.00 p.m. u l-aġġornament ma jeħux aktar minn nofs siegħa. Ix-xogħol ta' din is-seduta ta' wara nofsinhar ikun regolat bl-istess mod kif stipulat fil-mozzjoni Nru. 60 għar-rigward tas-seduti ta' filgħodu u filgħaxija.".

Huwa minnu, bħalma qal l-Onor. Gonzi, li l-Mozzjoni ta' Proċedura Nru. 81 trid tinqara mal-Mozzjoni ta' Proċedura Nru. 60, iżda huwa fatt li għalkemm f'moħħ kulħadd kien hemm li l-Kamra kellha tiltaqa' dakinhar stess fis-6.00p.m., effettivament il-Kamra tiltaqa' fil-ġurnata u fil-ħin għal meta tiġi aġġornata. U l-aġġornament mis-seduta tal-bieraħ sar għal-lejla fis-6.00 p.m. meta kienet diġa' għaddiet nofs siegħa mill-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol kif stabbilit mill-istess Mozzjoni ta' Proċedura Nru. 81. Għaldaqstant is-Sedja ma kellha ebda għażla ħlief li tirregola ruħha bl-istess Ordni Permanenti li ċċita l-Onor. Gonzi, jiġifieri l-Ordni Permanenti 10 subinċiż 4 li jgħid hekk:

"Fil-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol, jew hekk malajr kif ix-xogħol permess skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Ordni Permanenti jkun ġie meħlus, għandu jitressaq l-Aġġornament tal-Kamra u jekk il-Kamra tkun għadha fis-seduta fit-temp ta' nofs siegħa wara l-interruzzjoni tax-xogħol, l-iSpeaker għandu jaġġorna l-Kamra mingħajr ebda votazzjoni.".

U l-Kamra ġiet aġġornata mingħjar ma saret il-mistoqsija.

Għar-rigward tal-fatt li hemm Ordni Permanenti Nru. 86 li jagħti lis-Sedja s-setgħa li taġġorna l-Kamra minħabba diżordni kbir, is-Sedja trid tgħid li hi tirriżenta l-fatt li bl-aġir ta' l-istess membri jkollha tirrikorri għal din it-triq. Kull membru li kien hawn preżenti jaf li kien hawn diżordni kbir fil-Kamra dak il-ħin.

Irrid ngħid ukoll li m'huwiex in order li fil-Kamra niċċitaw Minuti li jkunu għadhom ma ġewx konfermati, għalkemm irrid ngħid ukoll li l-Onor. Gonzi qal li huma abbozzati. Se mai, biex dak li hemm f'dawn il-Minuti jirregolana l-Kamra trid tgħaddi biex tara hijiex se tikkonferma dawn il-Minuti. U hekk se nagħmlu.